MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 543/1999/1

**Giovanna Farrugia**

**Vs**

**Norbert Farrugia, Nathalie Schembri, Mario Farrugia u Emerenzjana Agius**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fit-23 ta’ Ottubru,1996, miet Nicola Farrugia (Dok A) ir-ragel ta’ l-attrici Giovanna Farrugia u missier Norbert Farrugia, Nathalie Schembri, Mario Farrugia u Emerenzjana Agius konvenuti, ilkoll ahwa Farrugia;

Premess illi d-decujus Nicola Farrugia u l-attrici Giovanna Farrugia kellhom testment unica charta tas-27 ta' Awissu, 1996 in atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja li jirregola s-successjoni ta' l-assi ereditarju tad-decujus;

Premess illi l-attrici trid tiddividi l-assi ereditarju tad-decujus mentri l-konvenuti qed jirrifjutaw li jaghmlu dan;

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tordna d-divizzjoni u likwidazzjoni ta' l-assi ereditarju ta' Nicola Farrugia li miet fit-23 ta' Ottubru, 1996 billi l-istess assi jigi fl-ewwel lok likwidat u maqsuma f'zewg porzjonijiet li minnhom wahda tigi assenjata lill-attrici Giovanna Farrugia u l-ohra lill-eredi ta' Nicola Farrugia, l-konvenuti, salvi d-dritt ta' uzufrutt li talvolta jirrizulta favur Giovanna Farrugia u inoltre tinnomina nutar biex jippubblika l-atti tal-qasma fil-gurnata, hin u lok, li jigu stabbiliti fis-sentenza u kuraturi ghall-kontumaci.

Bl-ispejjez tal-gudizzju u ngunzjoni ta' l-imharkin ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Norbert Farrugia** a fol. 14 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi huwa ma jopponiex ghat-talba attrici salv li mir-rikavat jithallas id-djun tad-decujus principalment dak dovut lid-dipartiment tas-Sigurta' Socjali.

2. Illi huwa ma ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri stante li huwa kien favorevoli ghad-divizzjoni sa minn meta giet proposta.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Emerenzjana Agius** a fol. 21 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi l-konvenuta fl-ebda hin ma opponiet sabiex taddivjeni ghall-ftehim ta' divizjoni a bazi tat-testment

unica charta tas-27 ta’ Awissu, 1996 in atti n-Nutar Mario Farrugia u li jirregola s-successjoni ta’ l-assi ereditarji tad-decuius Nicola Farrugia.

2. Illi mill-gurnata tal-mewt ta’ Nicola Farrugia, l-assi formanti l-eredita’ tad-decuius ma baqghux kollha fil-pussess ta’ l-usufrutwarja u dan bi ksur tad-disposizjonijiet tal-Kodici Civili.

3. Illi hija lesta li taddivjeni ghal tali divizjoni biss wara li jingiebu lura dawk l-oggetti kollha illi huma nieqsa.

4. Illi nvista tas-suespost il-konvenuta m’ghandiex tigi kkundannata thallas spejjez tal-kawza odjerna.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat li l-konvenuti Nathalie Schembri u Mario Farrugia, debitament notifikati baqghu ma pprezentawx l-eccezzjonijiet taghhom;

Semghet lill attrici bil-gurament;

Rat li l-konvenuti ma gabux provi;

Rat il-verbal tal-11 ta’ Novembru, 2002;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attrici qed titlob id-divizzjoni u likwidazzjoni ta’ l-assi ereditarju ta’ Nicola Farrugia, zewgha, li miet fit-23 ta’ Ottubru, 1996. Hi xehdet li hi u zewgha kien ghamlu flimkien testment datat 27 ta’ Awissu, 1996 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja fejn hallew lit-tfal taghhom bhala l-eredi universali u lil xulxin bhala uzufruttwarji.

Hi xehdet li bhala proprjeta’ mmobiljari tal-kommunjoni ta’ l-akkwisti hemm id-dar matrimonjali, 78, Triq Dr. Nikola Zammit, Siggiewi, u zewg *garages*, li jigu taht il-fond *de quo*. Wiehed minn dawn il-*garages* kien konvertit bhala hanut u huwa llum mikri lil terzi.

Hemm ukoll proprjeta’ fil-kommunjoni:

Van Toyota li qieghed fil-*garage*;
Sirkin u armes - li hija bieghet ghall Lm80.00 billi kellha bzonn il-flus;
Somma ta’ Lm300 oltre l-imghax dovuta minn Jimmy Borg mill-Mosta.
*Insurance Policy* li meta timmatura tirrendi Lm3,000.

Id-decujus kellu jaghti Lm1,646 lill Kummissarju tat-Taxxi Interni.
Il-konvenut Norbert Farrugia ghandu jiehu Lm550 rapprezentanti flus li dan kien nefaq meta missieru, d-decujus kien l-Ingilterra.
Silvio Schembri ghandu jiehu senter li qieghed id-Depot tal-Pulizija bil-kondizzjoni li jhallas Lm200 ghalih.

Id-deheb kien tqassam mir-ragel taghha lit-tfal matul hajtu.

Illi dawn il-provi ma gewx kontestati.

Ghalhekk l-assi ghandhom jigu likwidati hekk:

**Attiv**

Van Toyota li qieghed fil-*garage*;
Lm80.00 prezz ta’ Sirkin u armes - li l-attrici ghandha ddahhal fl-assi li ghandhom jinqasmu;
Somma ta’ Lm300 oltre l-imghax li ghandha tingabar minghand Jimmy Borg mill-Mosta.
Valur ta’ Insurance Policy li meta timmatura tirrendi Lm3,000.

**Passiv**

Iridu jithallsu mill-assi Lm1,646 lill Kummissarju tat-Taxxi Interni.
Il-konvenut Norbert Farrugia ghandu jiehu mill-assi Lm550 rapprezentanti flus li dan kien nefaq meta missieru, d-decujus kien l-Ingilterra.
Silvio Schembri jista' jaghzel li jiehu s-senter li qieghed id-Depot tal-Pulizija bil-kondizzjoni li jhallas Lm200 lill assi.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' t-talba attrici u
tordna d-divizzjoni u likwidazzjoni ta' l-assi ereditarju ta' Nicola Farrugia li miet fit-23 ta' Ottubru, 1996 billi
l-istess assi jigi fl-ewwel lok likwidat b'dan il-mod
Ir-rikavat ghandu jinqasam f'zewg porzjonijiet
wahda minnhom tigi assenjata lill-attrici Giovanna Farrugia
u l-ohra lill-eredi ta' Nicola Farrugia, l-konvenuti, kwart kull wiehed minn dana n-nofs.
salvi d-dritt ta' uzufrutt favur Giovanna Farrugia skond it-testment;
tinnomina lin-Nutar Dr.Tonio Spiteri biex jippubblika l-atti tal-qasma fi zmien erba' xhur millum;
u tinnomina lill Dr. Audrey Demicoli bhala kuratur ghall-kontumaci.
Bl-ispejjez ghall-konvenuti kollha barra Norbert Farrugia.

--------------------------------TMIEM--------------------------------